# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**It-Tmien Sena** **Marzu 1938** **Għadd 85**

**1d.**

Mitbugħ fl-"EMPIRE PRESS" 266, Triq San Pawl — Il-Belt.

The Royal Univers

# RIGALI SBIEĦ U RĦAS

Trid tagħti rigal sabiħ u rħis? Flok ma tonfoq ħafna flus f'kaxxi ta' ħelu u ġugarelli ta' ebda fejda, ixtri ktieb bil-Malti.

Jekk inhu tifel tal-iskola agħtih il-*Ward ta' Qari Malti*.

Jekk inhi xbejba atigħha *Inez u Emilja*.

Lil min iħobb l-istorja agħtih l-*Istorja ta' Malta* ta' Ġ. A. Vassallo, *Il-gżejjer ta' Malta* ta' Temi Zammit, l-*Istorja ta' Birkirkara, Raħal Ġdid, Mosta,* eċċ. ta' E. B. Vella.

Lil min iħobb jaqra rumanzi agħtih *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġ. Galea, *Ċensu Barbara* u *Ċejlu Tonna* ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Lil min hu aktar 'il quddiem fil-Malti agħtih il-*Kotba Mqaddsa* ta' P.P. Saydon, l-*Oqbra* ta' Dun Karm; *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ta' A. Cremona.

U biex iżżewwqu l-għażla għandkom: *Minn Xtut in-Nil; L-akbar imħabba; Il-ħajja tar-Re u r-Reġina; Ward jew Xewk,* u oħrajn.

U jekk ktieb wieħed jidhrilkom li hu ftit, agħtu tnejn, tlieta, aktar.

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MARZU 1938 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 85

## L-ESSAY U L-LETTERATURA TAGĦNA

Ix-xejra taż-żmien titbiddel, u magħha titbiddel l-imġiba tal-bniedem lejn id-dinja ta' madwaru, l-aktar ta' l-artista li jħoss aktar mill-bniedem tal-kotra. Dan it-tibdil isir ftit jew wisq fil-fehmiet ta' kull bniedem, u ta' kull ġens, kbir u żgħir. Jistgħu l-fehmiet u d-drawwiet ikunu tajba u ħżiena, jixirqu lill-poplu intellettwali, imma meta jagħmlu żmienhom ikollhom igħibu taħt il-ħerba tas-snin biex fehmiet u drawwiet oħra jieħdu mkienhom. Dak li kienu jħossu, jifhmu u jagħmlu n-nies tas-seklu li għadda, ma nħossuhx, ma nifhmuhx u ma nagħmluhx aħna. Hi ċara daqs il-kristall li dinjietna qiegħda tgħix ħajja li ma għexuhiex niesna ta' tletin sena ilu.

Dan il-bdil fl-arti, l-iżjed fil-letteratura, juri bħalkieku f'mera l-bdil ġewwieni—it-taqlib tal-bniedem modern—tas-seklu għoxrin. Il-ħajja letterarja ta' kull pajjiż għaddiet minn taqlibiet ħorox: tqallbet il-kitba, tbiddel l-istil, tħawdu l-fehmiet, u kitba, stil u fehmiet issewwew u reġgħu tgħawġu għal mitt darba, u għal mitt darba mill-ġdid qamu fuq tagħhom.

Ma nibżgħux mit-taħwid. Dan minn awl-id-dinja. Dan isir ma' kull żmien. It-taqliba li minnha għaddej il-Malti l-lum tfisser li mexjin 'il quddiem. Il moħħ individwali ta' ħafna kittieba qiegħed jaħdem fuq ħafna fergħat u jinfirex fuq bosta xogħlijiet. Fid-dawl ta' ħsiebna hemm idijal wieħed, u ġo qalbna mħabba waħda: il-ġieħ ta' Isienna.

L-għajnejn ta' Mikiel Anton Vassalli, li nifdu ċ-ċpar taż-żmenijiet, ma tqarrqux. Hu waħdu li, iżjed minn 120 sena

ilu, għex bil-quddiem fi żmenijietna. Hu biss lemħu jżerraq fil-bogħod ix-xefaq tar-rivoluzzjoni letterarja maltija, rivoluzzjoni li għamlitna maltin. Is-snin, aktar ma bdew igerbu, aktar bdew jaraw u jaħsbu bħalu.

Fil-letteratura maltija nsibu proża kemm poeżija, it-tnejn imħaddmin bis-sengħa, mirquma bi stil mogħġub u oriġinali, u magħquda fil-ħsieb, wieħed marbut tajjeb ma' l-ieħor. Iżda, għalkemm fil-poeżija mxejna sħiħ, għadna ma lħaqniex il-friegħi kollha. Dik li hi poeżija epika, għadna fil-bidu nett. Dun Karm tana f'idejna għadd sabiħ ta' poeżiji, kollha għolja fil-ħsieb u mirquma fis-sengħa. Hu wera lill-ġnus kollha ta' xejriet letterarji li l-Malti fih element qawwi biżżejjed biex bih tfisser dak li tħoss qalbna u dak li jidħol fid-dinja tal-ħsieb tagħna, f'ħinijiet ta' mħabba, ta' niket, ta' uġigħ, ta' twegħir, ta' għira. Hu fetħilna lilna ż-żgħażagħ it-triq. Għanjietu ħajruna nimxu wara l-atar tiegħu.

Min naħa l-oħra fil-proża, iżjed milli fil-poeżija, neqsin wisq. Naqbel mill-bidu sa l-aħħar ma' kull ma qal il-Professur Saydon fl-artiklu ewlieni tiegħu f'*Leħen il-Malti* tax-xahar li għadda. Il-kittieb għandu jżomm f'rasu mhux li jikteb artiklu, novella, jew biċċa poeżija, u jarahom mitbugħa, biex imbagħad jintnesew wara ħmistax, imma li l-kitba tiegħu tgħix maż-żmien, u tagħmel ġieħ lil ismu u lil-lsien art twelidu. Biex dan iseħħlu jrid jara li jkun oriġinali fi ħsiebu, u li jkollu stil kollu tiegħu. L-oriġinalità fil-ħsieb u fl-istil dejjem għamlet il-kittieba kbar.

Fil-letteratura ta' lsienna għandna xi rumanzi tajbin, stejjer qsar, *sketches*, u friegħi oħra ta' kitba, iżda, ma għandniex l-*essay*. "Fil-Malti", kien hemm min qal, "ma naslux biex niktbu din ix-xorta ta' kitba." Għaliex? "Għax il-kittieb malti ma għandux is-*sense of humour* li għandu l-kittieb Ingliż."

Li l-Malti jwieġeb għal kull ħoss tal-qalb, tixhdu l-kitba, imżewqa b'elf ħsieb, ta' kittieba maltin tajba. Is-*sense of humour* tal-kittieb malti ma jaqbilx f'kollox ma' dak tal-kittieb Ingliż; imma aħna ma rridux niktbu dak li jħossu l-Ingliżi: irridu niktbu dak li nħossu aħna, Irridu nogħġbu u ngħallmu maltin bħalna. Mela niktbu dak li tħoss il-qalb maltija.

S'issa, fil-Malti, jien naf b'erba' *essays* biss li dehru kollha f'din ir-rivista. Tnejn minnhom tal-Professur Ġużé Aquilina. Dawn l-erbgħa huma l-bidu ta' din il-fergħa ġdida. Huma jitfgħu

l-ewwel xaqq dawl fi ħsieb min jitħajjar imidd għonqu għal dan ix-xogħol.

X'jeħtieġ l-*essay* biex jistħoqq dan l-isem? Xejra li tfisser bi stil persunali u magħqud, il-kotra ħsebijiet li jimlew moħħ il-bniedem. Mhemmx għalfejn tul wisq, lanqas toqol u taħwid. Żewġ ħwejjeġ jeħtieġ ukoll jimxu id f'id: qawwa u ħlewwa. Qawwa fil-ħsieb li għandu jinkiseb mill-ħajja li tiċċaqlaq madwarna. Ħlewwa fil-kliem u fl-idjomi magħżula, ġodda bħalma hi ġdida x-xejra tal-ħsieb artistiku ta' l-*essayist* tajjeb. L-*essay* għandu jkun mimli bil-ħajja, ukoll meta jitkellem fuq suġġetti bla ħajr, u magħruf għat-tgħaqqid ta' bosta ħsebijiet fl-iċken ġabra ta' kliem. Ħadd ma jseħħlu jfissru fi kliem ieħor mingħajr ma jżidu u jkabbru; ħadd ma jirnexxilu jiflih f'kull ħsieb mingħajr ma jikteb essays sħaħ dwar kull biċċa minnu.

Il-personalità tal-kittieb hi l-iżjed meħtieġa, u għandha titwaħħad mal-ħsebijiet li jfisser. L-*essay* u l-lirka t-tnejn huma tifsir il-personalità, imma l-lirka fiha tiġbor waqtiet qawwija ta' qawmien il-qalb, ġibdiet, u mħabbiet qalila, waqt li l-*essay* jolqot ħafna lill-moħħ, is-*sense of humour*, u t-titwila ġdida tal-kittieb għal fuq il-ħajja.

Ħafna huma n-nies imżejnin bl-oriġinalità tal-ħsieb u b'esperjenza kbira tal-ħajja. Jixtiequ kieku jiktbu, imma jibżgħu li dak li jgħidu ma jingħoġobx, jonkella jitgerrxu biex igħarrfu lill-qarrejja d-dinja ċkejkna li tgħix ġo ruħhom. Hekk beżagħna, xewqithom tmut ħesrem, u max-xewqa jmutu l-ħeġġa u l-ħila. L-*essay* Malti dan li ġralu: sab nies li kellhom xejra wiesgħa biżżejjed biex iħaddmuha, imma qalbhom ma kinetx qawwija biżżejjed. Dawk kollha li ma jarawhiex bi kbira jiftħu l-bibien ta' ruħhom beraħ biex il-qarrejja jittawlu fiha, u jidħku daħka bil-qalb magħhom, dawn huma tassew l-*essayists* il-magħżula.

Ġużè Chetcuti

# Tal-Ħerba *

Għalkemm fil-ħerba, fit-tiġrif u l-ħsara
Misserijietna bnewk, o dar l-Omm tagħna,
Int illum kbirt, u l-ħerba ta' madwarek
Tbiddlet; għax b'risqek ta' kuljum tistagħna.

U, biex iżżurek tħalli l-bliet, l-irħula,
In-nies li liebsa ta' kull lewn u sura
Għax tâf li fik tinsab, Santwarju mqaddes:
Omm illi tfarraġ il-kull qalb magħsura.

Min jista' jgħodd l-uċuħ li rajt fik dieħla
Bi ħrara kbira, jitolbu l-Ħanina
Li tmur teħlishom minn elf għawġ u niket
Li minnhom biss did-dinja tâf tagħtina!

Int mera li ġe' fik tidher ix-xbiha
Tal-qalb ħanina ta' Sidtna Marija,
Ħitanek juru li, kull talba Lilha
Ma tistax tonqos li ma tkunx mogħtija.

Birkirkara — 22 ta' Frar, 1938.

KARMENU MUSCAT

---

(*) Meta, fis-sena 1090, il-Konti Ruġġieru ħelisna minn taħt il-madmad kiefer tal-għarab, Missirijietna mhux biss li sewwew xi Knejjes qodma u mħarbta mill-għarab, imma bnew xi oħrajn ġodda wkoll.

Fost l-oħrajn bnew naqra ta' Knisja, Birkirkara, b'ġieħ ta' Sidtna Marija. U billi bnewha qalb il-blât, tiksir u tħarbit, semmewha: "Tal-Ħerba." Din in-naqra ta' Knisja għall-ewwel kienet magħrufa ftit wisq, imma mbagħad għall-kotra tal-egħġubijiet li Sidtna Marija għamlet mal-insara, in-nies kienu jmorru jżuruha bi ħġarhom.

Illum, "Tal Ħerba", hi wieħed mill-iżjed Santwarji għeżież ta' Malta.

K. M.

# Moħtar lil Żmenijietna

Hija ħaġa wisq xierqa li wieħed ikun jaf in-nuqqasjiet tiegħu, u li jagħraf l-għeltijiet li jagħmel, wisq xieraq huwa wkoll li wieħed ma jitkabbarx b'dak li għandu u b'dak li jista' jkollu. Imma, jiġu ħinijiet meta wieħed ma jagħmilx ħażin jekk iqum fuq tiegħu u, b'leħen qawwi, jgħarraf lid-dinja kollha b'kemm ġid u kemm tifħir jistħoqqlu. Hekk ukoll ikollna nagħmlu aħna f'dan iż-żmien tagħna, inħossu ruħna mġiegħlin li nuru kemm u kemm huma aħjar dawn żmenijietna minn kull żmien li għadda.

Jaħbat kultant li tiltaqa' ma' nies li jgħidulek: "Id-dinja m'għadhiex li kienet, kull ma jmur tiħżien. Dari konna aħjar; mhux li bqajna hekk, jaħasra ! Dak kien żmien ! Ngħiduha kif inhi, lil dawn in-nies bejn nagħdruhom għax neqsin mit-tagħlim, u bejn inlumuhom, għax ikunu jgħidu hekk aktarx għax jaħsbu għalihom, jew għax iridu jimxu mhux mal-kotra imma għal rashom. Biss f'ħaġa waħda naqblu magħhom għal kollox: bħalhom nixtiequ li baqgħu fiż żmien li għadda, għax iż-żmien tagħna m'għandux x'jagħmel bihom.

Nibdew immela minn dawk il-ħwejjeġ li jolqtuk l-ewwel. Il-bniedem bid-dehen li bih hu mżejjen, dejjem jaħdem u dejjem iħabrek biex kemm jista jkun jagħmel ħajtu hienja u bla tbatija. Fittex minn hawn u qalleb minn hemm, sab it-tarf biex iħaffef ix-xogħol. Issa dawk il-ħbieb li għandhom qalbhom marbuta ma' l-imgħoddi ma jistħux jistgħallu dan il-ġid li sab iż-zmien tagħna, fil-waqt li jċanfruh bħala żmien ta' bla siwi. Il-għaliex, jewwilla, flok li jixegħlu djarhom bid-dawl elettriku ma jgħammxux għajnejhom bil-musbieħ ? Għax jirkbu l-*motor* flok ma ma jagħmlu mixja ta' siegħa jew tnejn ? Għax iqabbdu n-nar bis-sulfarini flok bil-ħakk ta' biċtejn ħaġar taż-żnied ? Għax flok jaqraw fil-ġurnali x'ġara l-bieraħ l-Amerka ma jistennewx xahar jew tnejn sa jkunu jafuh ?

Fost il-ħlejjaq kollha, il-bniedem huwa l-aqwa, l-aktar li moħħu jilħaqlu. Hija r-rieda t'Alla li l-bniedem ikollu setgħa fuq il-bqija tal-ħolqien, u li ijassar in-natura għall-bżonnijiet tiegħu. Fir-rebħiet li jagħmel il-bniedem fuq il-qawwa ta' din in-natura għandna nagħarfu, immela, li dawn huma mhux biss ta' siwi imma wkoll ta' ġieħ. Ma tħossx jewwilla qalbek timtela bil-ferħ meta tisma' b'xi ħaġa ġdida li kellu ħila jagħmel dan in-nitfa ta' bniedem ? Ma tħossx li għandek sehem f'dawn ir-rebħiet, għax huma miksuba minn nies ta' żmienek ? Ma jidhirlekx li dejjem u dejjem id-dinja sejra għall-aħjar, li bil-ftit il-ftit il-bniedem (jiġifieri int in-nifsek) qiegħed jersaq lejn dik

is-setgħa fuq kollox li tistħoqqlu ? Ma jitkebbisx nar ġo ruħek meta tara l-egħġubijiet li kuljum qegħdin jinstabu, meta tiftakar li moħħ il-bniedem jagħraf u jifhem issa ħwejjeġ li ta' qabilna anqas biss kienu joħolmuhom ?

Issib min igħidlek li la fl-imgħoddi dawn il-ħwejjeġ ma kienux jafu bihom, anqas ma kienu jixtiequhom. Dan mhux minnu: meta inti tħoss li ħaġa mhix tajba kemm tista' tkun, minnufih tixtieq li tkun aħjar. Li ma kienx hekk, kieku qatt ħadd ma jitħabat biex jagħmel il-ħwejjeġ aħjar. U mbagħad, wara kollox, mhux aħjar taf il-ġid u tistgħallu, milli titilfu għax ma tafux ?

Kull ma għedna s'issa huwa dak li għandu x'jaqsam mal-ġisem. Fejn tidħol ir-ruħ ukoll naraw li d-dinja mxiet il-quddiem Nieħdu bħala xebħ ta' dan, it-tkattir tas-setgħa li għandu kull bniedem li jaħseb kif irid, li jgħid li jrid, li jagħmel li jrid, sakemm dan kollu jkun skond il-ħaqq. Tassew li f'xi artijiet l-imsejkna nies ma jħalluha tagħmel xejn minn dan, imma dażżmien f'ħafna bnadi tad-dinja wieħed jinsab aktar ħieles milli qatt kienu ta' qablu. F'ħafna bnadi il-ġnus qegħdin imexxu arthom bil-fehma tal-kotra, u mhux kif jidhirlu bniedem wieħed; nittamaw li f'qasir żmien wieħed ikun jista' jgħid dan mhux għal xi bnadi imma għal kullimkien. Imma fl-imgħoddi aktarx kienet tgħodd ix-xewqa tal-wieħed milli l-fehma tal-kotra.

Għal dak li hu ħaqq, hawn ukoll aħna aħjar minn ta' qabilna. Xi liġijiet ħżiena neħħiejnihom; m'għadniex ngħallqu bniedem fuq serq ta' skud bħalma kienu jagħmlu dawk l-għorrief ta' dari, m'għadniex naħirqu ħaj lil min ma jemminx bħalna; m'għandniex lill-mixli naħqruh bl-ikbar kefrija biex inġagħluh jixhed kontra tiegħu n-nifsu; ma għadniex nitfgħu n-nies taħt l-art minngħajr ma nressquhom quddiem qorti. Il-bniedmin ma għadhomx jinbigħu u jinxtraw bħal bhejjem; ma għadhomx it-tfal żgħar jagħmlu xogħol ta' l-akbar tbatija bħalma dari kienu saħansitra jġagħluhom jħaffru l-faħam; m'għadux għal kollox il-ħaddiem igħarraq saħtu minngħajr ma jitħallas kemm imissu.

Fi żmienna wkoll qiegħed jixtered it-tagħlim bħalma qatt qabel. Il-fqir jista' issa jħabrek daqs ħaddieħor biex jerfagħ ruħu; isib min igħallmu b'xejn, isib kotba x'jaqra b'xejn. Fejn qatt dari ħabblu rashom in-nies biex kulħadd ikollu s-setgħat kollha fit-tagħlim ? In-nies issa, fi żmienna, fetħu għajnejhom.

Lill-fqir ukoll bdejna naħsbulu għal saħħtu. Qegħdin inħottu dawk id-djar fejn ħallewh igħammar ta' qabilna, djar li qatt ma raw xaqq dawl tax-xemx, djar li anqas jistħoqqu lill-bhejjem, djar li kienu l-aqwa ħbieb tal-mard u l-mewt. Qegħ-

din nibnu sptarijiet aqwa milli qatt kien hawn. Dawk li jifhmu qegħdin bla heda jaħdmu biex isibu tarf ta' ħafna mardijiet li jgħakksuna; ġa ġiebu l-fejqan u s-sabar lil ħafna. Tqila u twila hija it-trieq, kbir huwa t-tfixkil, imma fl-aħħar naslu. M'għandniex biex niftaħru f'dan kollu? M'għandniex inħossu ferħ talli qegħdin ngħixu fi żmien li, mhux biss ma huwiex iħalli d-dinja sejra għal rasha bħalma għamlu żmenijiet oħra, imma jrid isewwi dak kollu li hu ħażin, irid iġib l-hena għal kulħadd?

Dawk li ma jaħsbuhiex bħalna fl-aħħar dejjem joħorġu b'xi kliem dwar illi l-gwerer ta' daż-żmien huma elf darba agħar minn ta' qabel, igħidu wkoll li llum fil-gwerer ibati mhux biss min jiġġieled imma wkoll in-nisa u t-tfal. Il-gwerer ta' dari ma kienu xejn aħjar; fil-ħruxija ma kienux jagħmlu għajb għal ta' daż-żmien; kienu jdumu sejrin is-snin twal, xi drabi laħqu damu mitt sena u iktar; u jekk daż-żmien bl-isparar fuq l-ibliet imutu dawk li ma jaħtux, dari meta r-rebbieħ kien jidħol f'belt kien ikun hemm xi ħaġa agħar. Wisq jisgħobbina li d-dinja f'din il-biċċa tal-gwerer għadha kif kienet, imma għall-inqas mhux minnu li hija agħar. Biss, għandna mistoqsija waħda x'nagħmlu: Meta qatt, qabel żmienna, tqanqal xi ħadd biex jittanta jwaqqaf il-gwerer darba għal dejjem? Ikollna ngħidu aħna nfisna li kollox ġie fix-xejn, imma għal l-inqas ir-rieda t-tajba ta' xi ġnus uriet ruħha, u ġa-la-darba hemm ir-rieda, illum jew għada tinstab it-trieq.

Issa ngħidu xi ħaġa lil dawk li jagħmlu ta' bir-ruħhom li jixtiequ li għexu fi żmien imgħoddi. Jekk f'din id-dinja trid tistgħall l-akbar ġid, ikollok tgħix fl-aħħar ta' l-aħħar nett. Ngħidu aħna li wieħed igħix qabel id-dehra ta' xi filosfu, kittieb, għaref mill-aqwa; dan jitlef it-tagħlim li kien ikollu kieku twieled wara l-bniedem kbir. Għaldaqstant kull wieħed minna għandu quddiemu l-għerf kollu li deher minn mindu nħolqot id-dinja; li twelidna fl-imgħoddi xi sehem minn dan l-għerf konna nitilfuh.

Jidhrilna li d-dinja la nħolqot biex tibqa' dejjem kif kienet u l-anqas biex issir agħar milli kienet fil-bidu. Min igħid li l-imgħoddi kien aħjar mill-lum, ikun qiegħed igħid li l-ħolqien tad-dinja ma sewa l-ebda ġid, għax jekk ħaġa kull ma tmur teħżien, ma jistagħx ikun li fl-aħħar toħroġ xi ġid minnha. Kull ħaġa minnha nfisha tittanta li titjieb u li timxi l-quddiem—hekk ukoll id-dinja bin-nies ta' ġo fiha. Minn żmien għal żmien u bil-mod il-mod isir tibdil għal aħjar, fi żmienna d-dinja f'kollox tinsab isbaħ u isbaħ. Nafu sew kemm għad baqa' x'jissewwa; naħdmu lkoll, biex jekk għall-inqas ma jistagħx isir il-lum, issiwi jsir għada.

6-2-38 VICTOR G. GRIFFITHS

# Dieqa f'lejl xitwi

Daħal il-lejl u waqgħet kesħa kbira
'il-fuq fil-għoli nġema' sħab sewdieni
Saltan is-skiet u jiena tlajt f'kamarti
Għalkemm ftit kmieni.

Il-ħoss tal-mixi ta' xi ħadd imgħaġġel
Għaddej mit-triq insama' qed jitbiegħed
Intefa d-dawl mit-twieqi wieħed wieħed
U beda jriegħed.

Fit-toroq, b'xi fanal imwennsa, tisma'
Tinwiħ ta' xi qattus u xi qattusa
Tikser il-ħemda: ġewwa biss żanżina
Ta' xi nemusa.

Ir-riħ qam f'daqqa jonfoħ b'qawwa kbira
Idur mas-siġar ta' ġo r-raħal tagħna
Fis-sema l-beraq u fid-djar imqajma
In-nies beżgħana.

Xita, ragħ'd qawwi, waħda wara waħda;
Tektek is-silġ max-xita kemm-il darba,
Il-bogħod il-bogħod minn ta' xi kelb tinsama'
Ukoll xi karba.

Lejla ta' rwiefen, ta' tisfir, ta' ħsejjes:
Ta' swied il-qalb, ta' biża' kbira u dwejjaq:
Lejl li jħassibni f'xi tallâb se jorqod
Mingħajr ma trejjaq;

Jew fil-qlubija tal-baħrin imsejkna
Imħabbta m'ngħajr serħan bil-ġifen tagħhom
Mill-mewġ tal-baħar li f'xi lejl bħal dana
Jaħsbuh qabarhom.

Imma ma' dawn il-ħsebijiet ta' niket,
Q'ed inħoss issa dieqa wkoll ġo fija:
Għaliex jinsama' ġej ukoll il-biki
Ta' xi tarbija!

Marju Agius

Villa Lija

# Maskra Sewda

Kienu ilhom jiġġerrew ma' Strada Rjali mis-siegħa ta' wara nofs in-nhar u kienu għadhom ma għejewx. Tfal żgħar għadhom bil-qalziet qasir, żgħażagħ fl-aħjar ta' żgħożithom, lebsin tajjeb, b'xagħarhom mitfugħ lura u midluk biż-żejt imfewwaħ, oħrajn iżjed imdaħħlin fiż-żmien, kif kien jixhdilhom wiċċhom li kien beda jitkemmex u xagħarhom li kien beda jeħfief; ma' dawn kont tara rġiel magħmula li ma kienux iridu jdaħħluha f'moħħhom li bdew jixjieħu. Din kienet il-folla tal-Karnival.

Kulħadd kien iħoss li għandu l-jedd jitbellah f'dak il-jum. Minn żmien għal żmien, minn sena għal sena, dik id-drawwa qadima ma seta' jeqridha ħadd. Donnu huwa bżonn li troddilna s-sena sabiex ninsew il-hemm u d-dwejjaq li nkunu ġarrabna fiha. Huwa l-jum meta l-bniedem jista' jgħajjat għajta kbira wara sena sħiħa ta' skiet. Saħansitra r-raġuni tal-bniedem sabet qawl li jaħfer il-bluha ta' dan il-jum "*Semel in anno licet insanire*" qalu l-Latini u l-filosofija ta' kull żmien donnha għarfet u laqgħat dan il-qawl.

Kien beda jidlam sewwa, iżda l-folla ta' Strada Rjali kienet għadha ma hix għajjiena. Kien għadu jinsama' t-tisfir, l-agħjat l-imbix, id-daqq u l-għana fl-aħjar tagħhom. Miskin min jieħu għalih: kien jitfa' l-ġebla fuq siequ. Ħadd ma kellu l-jedd jitfantas dak in-nhar; kull min hu fit-trieq kien jaħtieġlu joqgħod għal kollox. Għal kollox: ukoll għall xi daqqa ta' ballun iebes marbut ma biċċa lastku li terġa' troddu għand sidu u li ġġegħlek tistħi iżjed milli tweġġgħek, ukoll għal xi daqqa ta' perlina li ttaqqablek rasek; ukoll għal 'xi kitba wara dahrek li triegħxek meta tintebaħ biha jew xi biċċa karta fuq il-kappell donnha ftila fil-musbieħ li twaqqgħek għad-daħk ta' kulħadd. Għal kollox. Dan huwa l-amar tal-Karnival.

U aktar ma jidlam, il-folla iżjed tisker; l-agħjat, il-ġiri, it-tisfir kien żdied u wasal fl-aqwa tiegħu; donnu kulħadd tilef rasu.

L-arloġġ ta' San Ġwann daqq; kien daħal il-ħin ġmielu u ż-żeffiena tal-belt kienu qegħdin jaħsbu biex jitilqu għat-tijatri, għall-ballijiet. Wara ftit kont tara għaddejjin qatgħat ta' nies libsin ilbies ilellex, sejrin flimkien sabiex iqattgħu dik il-lejla fit-tbahrid tal-ballu. Il-folla, xi drabi kienet tħallihom għaddejjin mingħajr ma tkellimhom, iżda mhux dejjem .. Araw hemm x'ġara...

Qatgħa nies kienet miġbura quddiem it-trieq ta' ħdejn il Qorti tistenna lil xi ħadd ġej minn hemm isfel. Xi msejken kien waqa' taħt il-ħakma tal-folla u ma setax joħroġ minnha. F'daqqa waħda, imdawra minn ġemgħa kbira ta' nies, tfeġġet ġo Strada Rjali tfajla twila u misluta liebsa ta' Pierrot. Wiċċha kien imgħotti b'maskra sewda li kienet taslilha sa fuq imneħir-

ha; f'rasha kellha bħal karlotta sewda li minn taħtha kien jidher xagħar qastni, maqtugħ bis-sengħa.

"Xi tridu minni?" kienet qiegħda tgħajjat ix-xbejba b'leħen imdagħdagħ, "ħalluni ngħaddi!"

"Ma tgħaddix" għajjat wieħed mill-folla "il-lum minn hawn ħadd ma jgħaddi."

"Neħħi dik il-maskra sewda," għajjat ieħor—"jekk tneħħiha nħalluk tgħaddi."

Xi ħadd resaq biex jiġbed il-maskra minn wiċċ ix-xbejba, iżda Maskra Sewda reġġgħetu lura bil-qawwa. Żagħżugħ ieħor resaq bi trumbetta twila ma' widnejn it-tfajla u saffrilha tisfira kbira f'widnejha. Il-folla tinbotta u tidħak u tħeġġeġ biex jissokta dak it-tbahrid.

"Neħħi dik il-maskra sewda", beda jgħajjat issa kulħadd, "tħalluhiex tgħaddi qabel tneħħiha."

"Ħalli nara tneħħihiex," qal wieħed li nqala' minn ġol-ġemgħa, fil-waqt li resaq fuq it-tfajla u għamel ħiltu kollha biex jaħtfilha l-maskra. Bejn ir-raġel u x-xbejba bdiet taqbida li damet sejra għal ftit.

Il-folla nxteħtet fuqhom qalb infern u tgeġwiġija bla tarf ta' għajjat u tisfir. F'daqqa waħda f'nofs il-folla dehru xi ħames Pulizija. Il-folla tferrxet għad-dehra tagħhom.

"Sinjorina," għajjat is-surġent li resaq fuq it-tfajla, "jekk jogħġbok, imxi magħna."

It-tfajla mxiet wara l-pulizija bil-folla tidħak u ssaffar warajha u wara ftit għabet ġewwa l-bieb kbir tal-Qorti.

Id-drawwa tal-Karnival tbiddel u taqleb ta' taħt fuq il-liġi tal-bniedem. Ma' tul is-sena l-pulizija kienet qiegħda biex issikket il-folla li taħqar u tinbex lil xi ħadd. Iżda f'dan il-jum il-folla kellha l-jedd li tagħmel li trid u l-pulizija kien jinħtiġilha tħares lil min jaqa' taħt idejha,

Iżda ma kienx spiċċa kollox.

Dak il-ħin, minn Strada Rjali lisfel insama' agħjat kbir imsieħeb ma' tifsir qawwi. Il-folla ġriet għal dik in-naħa u waqfet quddiem il-Misraħ tar-Reġina. Hemmhekk, imdawwar b'qatgħa kbira ta' nies, kien hemm żagħżugħ aktarx qsajjar imma slugi. Kien liebes libsa ħamra, iżda wiċċu ma kienx imgħammad.

"Ħalluni ngħaddi," kien qiegħed igħid iż-żagħżugħ b'idejh magħquda bil-ponnijiet.

"Il-lum anqas jekk tibki ma tgħaddi," wieġbu leħen b'nofs daħka minn ġol-folla.

Imbagħad xi ħadd minn wara tah daqqa ta' ballun ġo rasu. Iż-żagħżugħ dar biex jara min hu, iżda ma sata' jaqbad lil ħadd. Il-folla nfexxet f'daħka li donnha ma setgħet tispiċċa qatt.

Dak il-ħin dehru resqin il pulizija li bdew iferrxu l-folla.

" Iġbruh ġewwa ", nsama' jgħid mitt leħen flimkien, " iġbruh ġewwa. "

F'kemm ilna ngħidu, l-imsejken sab ruħu ġewwa. Bilqiegħda fuq siġġu, iż-żagħżugħ lemaħ ix-xebba li aħna għadna kif rajna, qiegħda hemm tistenna. Għall-ewwel ma kellux almu jkellimha, imma mbagħad rabba l-ħila, resaq lejha u qalilha minn taħt il-lsien :

" Ġralek bħali, sinjorina!"

" Iva wieġbet it-tfajla fil waqt li rasset ma' xulxin xuftejha.

" Kont sejra x'imkien ?"

" Kont sejra l-Gaiety. "

" Jiena wkoll kont sejjer il-Gaiety. "

" Tassew ? "

" Iva" issa, jekk trid, nistgħu mmorru flimkien. "

" Nibqa' nafhulek; qiegħda nħoss il-bżonn ta' xi ħadd li jwennisni. "

Għaddiet kwarta jew iżjed u f'dan iż-żmien kollu ż-żewġ żgħażagħ ftit sabu xi jgħidu. Imbagħad ġie s-surġent u qalilhom li jekk iridu issa jistgħu joħorġu. Iż-żgħażagħ ħadu r-ruħ iżżewh ħajr u telqu lbarra.

Strada Rjali issa kienet siekta għal kollox. Ma' nies ma tantx kont tiltaqa' hlief ma' qatgħat żgħar ta' maskarati sejrin għall-ballu. Iż-żagħżugħ u x-xebba mxew bil-mod u bla kliem. Iż-żiffa tal-lejla ħakmithom sewwa u bdiet tħabbat fuq wiċċhom malli ħarġu barra Putirjal.

"Il-frisk il-lejla," qalet it-tfajla donnha biex tgħid xi ħaġa.

" Il-frisk, " wieġeb iż-żagħżugħ bla ma sab xi jgħid iżjed.

Fil-motor tkellmu fuq iż-żfin. It-tfajla qalet li għalkemm ma kenitx żeffiena mill-aħjar hija kienet taf tiżfen mhux ħażin. Iż-żagħżugħ qal li huwa kien iħobb wisq iż-żfin u li biex jiżfen huwa kien iħalli kollox.

Il-Gaiety dik il-lejla kien fih daqqa ta' għajn sabiħa li lanqas l-id ta' ebda mgħallem ma tpittirha.

Ġo festa ta' dawl, ta' tiżjin, ta' lwien u tlellix il-folla tal-maskarati kienet qiegħda tiżfen mitlufa minn sessiha bilferħ. Il-lbies taż-żeffiena bojod, ħomor u koħol kienu jagħmlu bħal fantasija ta' lwien li, fid-dwal tal-lampi żgħar taleletriku, huma wkoll ta' kull lewn u ta' kull għamla, kienu jġagħluk taħseb li inti f'xi art tal-ħolm u tas-sħarijiet.

Minn fuq il-palk tan-nofs, l-orkestra kienet qiegħda ssamma' Waltz li kien iferraħ u jagħfas il-qlub f'ħin wieħed u l-folla taż-żeffiena kienet qiegħda tqassam fuq it-ton tiegħu l-versi ta' għanja maltija.

Mill-palkijiet tal-ġnub, uċuh ħelwin u daħkana kienu qegħdin jitfgħu fuq iż-żeffiena ward ifuħ u strixxi rqaq

tal-karti minn kull lewn. Kullimkien u f'kollox kienet tidher ir-ruħ ferriħija tal-Karnival.

Iż-żgħażagħ tagħna waqfu jħarsu quddiem dik id-dehra sabiħa u minn fommhom ħarbitilhom bla ma riedu tbissima ċkejkna.

Żifnu flimkien u wara ftit żifniet marru l-Buffett, Qagħdu fuq mejda ċkejkna tista' tgħid quddiem xulxin. Hemm minn taħt il-maskra li kienet taslilha sa mneħirha, iż-żagħżugħ għaraf illi x-xbejba kienet safra mewt; imqar meta kienet tiżfen f'idejh huwa ħassha kiesħa bħal biċċa silġ. Issa kien għadda minn moħħu l-ħsieb illi t-tfajla jew ma kenitx f'sikkitha jew ma kenitx qiegħda tedha biżżejjed b'dak il-għors.

" X'tixrob, sinjorina ?" staqsieha bil-ħlewwa ż-żagħżugħ.

" Whisky ", wieġbet din b'leħen donnu maħnuq.

Iż-żagħżugħ inħasad xħin semgħha tordna l-Whisky.

" Sinjorina " reġa' dan bi ħlewwa kbira, " jaqaw ma tħossokx fiha ?"

" Ma tantx ", wieġbet ix-xbejba b'leħen iktar imħawwad " Mela ", issokta ż-żagħżugħ, nista' nagħmel xi ħaġa għalik ?"

" Le, ħadd ma jista' jagħmel xejn għalija."

" Ma naħsibx li int daqshekk xortik ħażina; ara sinjorina, inti xebba sabiħa, għadek fl-aħjar tiegħek, tista' ssib lil min iħobbok, tista' . . . .

" Lili ma jista' jħobbni ħadd."

" Għaliex ?"

" Għaliex jiena ma nista' nħobb lil ħadd."

"Lil ħadd ?"

"Lil ħadd."

"Aħfirli, sinjorina, imma emminni li ma nistax nifhmek."

"Għandek raġun int ma tistax tifhimni." Dak il-ħin il-waiter ġieb quddiemhom it-tazzi bix-xorb. Ix-xebba ħatfet it-tazza tal-Whisky ġewwa subgħajha b'għafsa nervuża u xorbitha f'nifs wieħed. Iż-żagħżugħ għamel bħalha.

"Tixrob iżjed sinjorina ?" staqsa ż-żagħżugħ wara ftit.

"Iva, jekk jogħġbok," wieġbet ix-xbejba.

U reġgħu ordnaw ix-xorb.

Wara li reġgħu xorbu, it-tnejn ħassewhom aħjar. Iż-żagħżugħ rabba iżjed kuraġġ biex jistaqsiha u x-xbejba fetħet iżjed qalbha biex tistqarr ġrajjietha.

"Emminni li ħallejtni niexef," reġa' ż-żagħżugħ wara ftit tas-skiet.

"Għandek raġun, il-ġrajja tiegħi hija ftit imħawda. Xortija kienet ħażina mill-ewwel."

"Għidtli li ma tista' tħobb lil ħadd. Għaliex ?

"Għaliex jiena miżżewġa !

"Miżżewġa ?"

"Iva miżżewġa ! Sentejn ilu jiena ntlift wara żagħżugħ li kien jidher iħobbni. Niesi ħassruli kemm felħu, iżda jiena għamilt kull ma stajt biex nieħdu; huwa wegħidni mħabba ta' dejjem u jien iżżewwiġtu. Hawn hekk bdiet ħajja tassew sabiħa qisha ħolma bla tmiem ta' hena u mħabba li biddlet ħajjitna f'ġenna oħra ta' l-art. Iżda dak il-ferħ tagħna ma damx ma safa' fix-xejn. Id-dar tagħna minn ġenna ta' l-art tbiddlet f'infern l-iżjed ikrah. Il-ħajja tagħna saret ħajja li ma tiflaħx għaliha Bejnietna daħal xitan li seraq l-imħabba ta' żewġi...

Iż-żagħżugħ baqa' bħal miblugħ jisma' l-istorja ta' dik l-imsejkna mara, imbagħad, bħal milqut mill-kurżità, staqsieha:

"Imma, għidli ħaġa, int għalfejn ġejt hawn il-lejla ?"

"Ġejt biex nara jekk żewġi kienx qiegħed jiżfen magħha."

"U sibtu hawn ?"

"Iva......"

Iż-żagħżugħ infixel x'jibda jgħid, huwa ma setax isib kliem tajjeb biżżejjed li jista' jaqdih f'dak il-ħin.

Iż-żmien kien għaddej ġmielu. Minn ġewwa t-tijatru d-daqq tal-mużika, l-agħjat u l-kant taż-żeffiena kien għadu jinstama' fl-aħjar tiegħu.

Fuq il-mejda taż-żagħżagħ waqa' skiet kbir; ħadd minnhom ma sata' jlessen kelma. Iż-żagħżugħ kien qiegħed igħaddi ż-żmien billi jdawwar bejn subgħajh it-tazza żgħira tax-xorb fil-waqt li l-mara, b'rasha mniżżla, kienet taparsi qiegħda tifli buttuna kbira tal-libsa, li kienet mehmuża fuq sidirha.

"Sar il-ħin ?" staqsiet wara ftit iż-żagħżugħa.

"Nofs il-lejl nieqes kwart, wieġeb il-ġuvni fil-waqt li ħares lejn l-arloġġ.

"Nofs il-lejl ? Sar il il-ħin sewwa. Sinjur, niżżik ħajr talli għamilt miegħi, jiena sejra."

"Waħdek ?"

"M'għandi 'l ħadd min iwassalni"

"Niġi nwasslek jiena."

U ż-żewġ żgħażagħ reġgħu ħarġu fl-imkien bħalma kienu daħlu.

Meta waslu l-Belt, Strada Rjali kienet battala għal kollox. Dik it-trieq li bil-folla tagħha miġnuna kienet għalqithom it-tnejn il-Qorti, issa kienet qiegħda tħallihom igħaddu fil-wisa'. Kif kollox jitbiddel malajr fid-dinja ! Kemm igħaddu malajr ix-xeni mżewqa ta' ħajjitna? Iż-żgħażagħ kienu qegħdin iħossu dan kollu iżda ruħhom kienet għajjiena wisq biex ifissruh lil lil xulxin.

Meta waslu quddiem it-trieq ta' taħt il-Qorti l-mara waqfet, iżżiet ħajr liż-żagħżugħ, u xtaqitlu li jissokta jgawdi bil-ferħa l-Karnival. Huwa ħass ġewwa jdejh il-għafsa ta' l-id kiesħa tagħha u mbagħad raha titbiegħed malajr u tintilef qalb id-dell mudlam tat-triqat tal-Belt

* * *

Waraɪbieb ta' dar fi trieq... Maskra Sewda kienet qiegħda ddaħħal bil-mod il-mod iċ-ċavetta fil-bieb donnha beżgħana li tqajjem lil xi ħadd. Il-bieb infetaħ u l-mara bdiet tielgħa qajla qajla t-taraġ fuq il-ponot ta' subgħajha.

Issa kienet weħidha fil-kamra tagħha. Quddiem mera ċkejkna hija neħħiet minn wiċċa dik il-maskra li ma rnexxilhiex tneħħilha l-folla. Ġewwa l-mera deher wiċċ sabiħ, magħlub u safrani: għajnejha kienu ħomor u jixhdu li minnhom ingħasar id-dmugħ. Dak il-ħin hija ħasset li kollox kien qiegħed idur biha. Hija kellha bżonn tibki, kellha bżonn tgħajjat, kellha bżonn tistrieħ. Imma ħsiebha dlonk tar lejn ir-rokna tal-kamra fejn kien hemm benniena ċkejkna. Fuq ponot subgħajha resqet lejn dik il-benniena, kixfet bil-mod il-filoxx abjad minn fuqha u ġo nofsha, imħanna ġewwa nagħsa ħelwa dehret auġlu ta' tarbija. Kemm kienet sabiħa dak il-ħin dik it-tarbija. Ommha qagħdet tifliha bir-reqqa. Fuq wiċċha kienet tinġabar ix-xbieha kollha ta' missierha li dak il-ħin kien qiegħed jiżfen ma ħadd ieħor. L-imsejkna omm ma felħetx iżżomm iżjed: hija kienet sejra tgħajjat għajta kbira iżda minn ħokha baxxiet rasha,niżżlet fommha fuq il-ġisem tat-tarbija u xuftejha nħbew u trassew ġewwa l-laħam rosa ta' bintha. Ġewwa l-kamra ċkejkna nstemgħet il-bewsa ta' dik l-omm imnikkta: il-laħam tari u rosa tat-tarbija xxarrab bid-dmugħ ta' dik l-omm żagħżugħa.

Li kieku dak li fi Strada Rjali rafa' idejh u sawwat lil Maskra Sewda sata' issa jara taħtha dik l-omm imbikkija kien ifittex jiġri jaħsel idejh fi-ilma li jaħfer is-sagrileġġ.

Għawdex.

ĠORĠ PISANI

---

Niżżuħajr lid-Direttur ta' *Militia Christi* li bagħtilna l-aħħar għaddijiet u nifirħulu li kellu l-ħila jirbaħ il-fehmiet mgħawwġa u jbiddel l-ortografija skond it-tagħlim tal-Gvern. Nixtiequ lil din il-gazetta tixrid kbir.

Biddlu l-ortografija wkoll *Il-Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù*, u l-*Malta Tagħna.*

Meta sa jbiddlu fehmithom il-gazetti l-oħra ?

# PARAFRASI

## Mera ta' Mistoqsijiet ta' Eżamijiet

### MISTOQSIJA.

Kburi, bla daħka, f'nofs il-bitħa ħadra,
f'għajnejk ħarsa saltnija,
donnok għad għandek bħal ma kellek darba
il-jedd fuq l-art maltija;
donnok trid tfiehem b'dak il-ħars u ċ-ċiera
li għadhom tiegħek dawn in-nies ilsiera.

Fisser bi kliem ieħor xinhu l-ħsieb tal-poeta f'dawn il-versi; u fisser il-kelmiet *bitħa ħadra*, *ħarsa saltnija.*

### TWEĠIBA

F'dawn il-versi l poëta jurina l-istatwa ta' Nettunu, alla tar-Rumani, li qiegħda f'waħda mill-btieħi tal-Palazz tal Gvernatur, u jgħidlu: F'nofs ta' bitħa tħaddar bis-siġar u l-ħaxix tidher int, ja Nettunu, b'dik il-bixra iebsa u b'ħarsa ta' sultan, donnok għadek taħkem fuq Malta bħalma kont meta misserijietna kienu jqimu lilek u allat oħra, donnok trid tfisser b'dik il-ħarsa ta' kburija li l-Maltin għadhom tiegħek.

*Bitħa ħadra* hija l-bitħa tħaddar bis-siġar u l-ħaxix.

*Ħarsa saltnija,* ħarsa ta' Sultan. *Saltnija* huwa aġġettiv maħruġ min-nom *Saltna*. *Sultanija* hija aktar skond il-grammâtka, iżda *Saltnija* ddoqq isbaħ fil-widna.

# Xirka għat-tixrid tal-qari Malti (Eġittu)

**KONKORS LETTERARJU — 1938**

Ix-X.T.Q.M., bil-ħsieb li tħajjar liż-żgħażagħ jorqmu l-letteratura maltija u jinxeħtu aktar għall-kitba, qatgħet li tniedi konkors letterarju. Il-kondizzjonijiet huma dawn :—

1. Il-kitba trid tkun oriġinali u mhux qlib minn ilsna oħra u li qatt ma kienet mitbugħa qabel: Novella jew biċċa tijatrali b'att wieħed, ta' kull ġens basta mhux kontra l-morali u jekk jista' jkun mhiex storika — għax jeħtieġ li l-kittieb malti joħroġ minn dak iċ-ċirku li s'issa dejjem ingħalaq fih minn rajh.
2. L-ortografija trid tkun tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ; il-kitba mhix mirquma u b'ħafna kliem barrani mhux meħtieġ, tkun imwarrba.
3. Ta' kull kitba jridu jinbagħtu żewġ kopji bit-typewriter. Kopji miktuba bl-id, imma li jistgħu jinqraw bla tbatija, ikunu aċċettati wkoll.
4. Id-daqs tan-Novella għandu jkun ta' mhux anqas minn 1500 kelma u mhux iżjed minn 6000, u tal-buzzett dak ta' att normali (minn nofs siegħa sa tliet kwarti reċtar).
5. Ma' kull biċċa kitba jridu jinbgħatu 10p. jew 2/- permezz ta' Ordni postali. Id-dħul għall-imseħbin tax-X.T.Q.M. huwa b'xejn.
6. Kull kitba trid tasal għand l-Amministratur tax-X T.Q.M. mhux iżjed tard mill-31 ta' Lulju 1938, flimkien mal-flus fuq imsemmija, taħt dan l-isem u f'dan l-indirizz : Ivo Muscat-Azzopardi, 5, Rue Keng Osman, Alexandrie.
7. Il-kittieb għandu jiffirma x-xogħol tiegħu bi psewdonomu. Dan il-psewdonomu, flimkien ma' isem il-kittieb, għandu jitqiegħed f'envelopp issiġillat u jinbagħat flimkien mal-kitba.
8. Dak li taqta' l-Kummissjoni ta' l-Eżaminaturi jingħadd b'siewi għal kollox u ħadd aktar ma jista' jħaqqu. Il Kummissjoni żżomm kull jedd: (1) li ma traġġâx il-kitba li tinbagħtilha (b) li titbagħ dik il-kitba li, għalkemm ma tkunx ħadet premju, tkun tajba biżżejjed bħala xogħol letterarju.
9. Il-premijiet huma tlieta : L-ewwel ta' £3.–, it-tieni ta' £2.–, u t-tielet ta' £1.–; imma x'uħud minnhom jistgħu ma jintgħatawx jekk ma jkunx hemm kittieba tajba biżżejjed li fil fehma ta' l-Eżaminaturi ma jkunx jistħoqqilhom il-premijiet imnidijin.

Lixandra, 1 ta' Frar, 1938.

IVO MUSCAT-AZZOPPARDI
Amministratur

ANT. G. SAID
Editur

# Lehen il-Malti (Università)

## KTEJJEB TA' KULL XAHAR — GHAT-TAGHLIM

TISHIB XELIN FIS-SENA JEW 1*d.* IL-GHADD

GHAND AQUILINA TA' TRIQ IRJALI

ILAHHAQ IT-TIXRID TA' MADWAR ELF

JIDHOL FID-DJAR TAL-KBAR U Ż-ZGHAR

**KONDIZZJONIJIET**

**Kull imsieheb li ma jġeddedx it-tishib sa wara ghadd li jkun wasallu mhux imhallas, ismu jithassar mill-kotba taghna.**

**Kull kitba li tinbaghat ma titreġġax lura u lanqas ma jinghataw fehmiet privati bil-miktub dwar xoghlijiet letterarji mibghuta.**

**Lehen il-Malti hu l-ewwel nett ġurnal ta' l-istudenti ta' l-Università u ghalhekk il-kitba ta' dawn tiehu l-ewwel post.**

**Il-kitba ta' barranin li ma tlahhaqx sa fejn jitlob il-ġurnal tithalla barra minghajr ma tinaghta l-ebda raġuni**

**Il-kitba ta' nies mhux maghrufa jew imharrġa biżżejjed tista' tkun mimsusa qabel tidher stampata.**

**Kittieba barranin m'ghandhomx jibghatu kitba li tiehu iżjed minn tliet faċċati.**

**Lehen il-Malti jitlob kitba li jkun fiha xi haġa iżjed minn Malti safi—sengha u koltura.**

**Meta kitba tidher fuq isem b'iehor l editur ghandu jkun jaf isem sewwa tal-kittieb bl-indirizz b'kollox.**

**Lehen il-Malti jiżżi hajr lill-hbieb kollha li jxerrduh fost dawk li ghad ma bdewx jaqrawh, l-aktar lil dawk li jghinuna nkabbru l-ghadd ta' l-imsehbin.**

**Ittri u kitba letterarja ghandhom jinbaghtu :**

**EDITUR, LEHEN IL-MALTI (Università)**
**Empire Press, 266, Triq San Pawl,**
**Il-Belt.**

**Tisħib**

**6d. kull sitt xhur**
**1s. kull sena.**
**Kopja waħda sold**
**Għal barra minn**
**Malta id-doppju.**

**Għat-Tisħib u bejgħ morru għand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Triq Irjali, Il-Belt.**